MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 343/2012

**A B**
**Vs.**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta’ Ottubru tas-sena elf, disa’ mija u tnejn u tmenin (1982) u isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo’ tal-hdax (11) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) (Dok A);

Illi jirrizulta mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni li l-partijiet ilhom separati legalment ghal ta’ mill-inqas erba’ snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponent qieghed ihallas regolarment il-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B huma sodisfatti;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tordna li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Ottubru 1982 ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti id-Digriet opportun;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jinnotifika id-Digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta f’terminu li jigi lilu stabbilit minn din l-istess Qorti jigi iskritt fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-istess intimata; li in forza taghha hija eccepiet :

Illi hija ilha separata minn zewgha A B mill-hdax (11) ta’ Settembru 1997 u ma hemm l-ebda prospett li tirrikoncilja mieghu;

Illi t-tfal li fi zmien tal-kuntratt kienu minorenni, illum il-gurnata saru maggorenni u mizzewga;

Illi r-rikorrenti ma topponix li l-Qorti tholl iz-zwieg li huma kkontrattaw fit-tnejn (2) ta’ Ottubru 1982 purche il-kondizzjonijiet kollha indikati fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-hadx (11) ta’ Settembru 1997 jibqghu vigenti matul hajjitha;

Illi jekk zewgha jaccetta, hija titlob li tibdel kunjomha ghal dak li kellha meta kienet xebba, cioe’ minn B jerga jsir De Giovanni;

Bl-ispejjes kontra zewgha;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Settembru 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat ukoll it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ De Giovanni u rat illi ir-rikorrenti ma opponix ghal din it-talba u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tawtorizza lill-intimata sabiex tibdel kunjomha u tirriverti ghal kunjom xbubita De Giovanni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara illi iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------